II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 893/2014

tal-14 ta' Awwissu 2014

li jipprojbixxi attivitajiet tas-sajd bi xbieki rreġistrati l-Italja, il-Portugall u Spanja biex jinqabad it-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-longitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċertu ilmijiet mhux tal-Unjoni ([2]), jistabbilixxi l-ammont ta' tonn li jistgħu jaqbdu x-xbieki u l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-2014 fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-longitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007 ([3]), jeżiġi li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwota individwali allokata lill-bastimenti tagħhom li huma akbar minn 24 metru. Għall-bastimenti tal-qbid iżgħar minn 24 metru u għax-xbieki, l-Istati Membri jridu minn tal-inqas jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwota allokata lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-gruppi ta' bastimenti bi rkaptu simili.

(3) Il-Politika Komuni tas-Sajd tfasslet b'tali mod li tiżgura l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd bi sfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin imsejjes fuq il-prekawzjoni.

(4) Skont l-Artikolu 36(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni ssib li mill-informazzjoni li taw l-Istati Membri u minn informazzjoni rilevanti oħra li jkollha, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni Ewropea, għal Stat Membru jew għal grupp ta' Stati Membri jkunu ntużaw kollha għal irkaptu wieħed jew iktar jew għal flotta waħda jew aktar, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri kkonċernati b'dan u tipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għal dik iż-żona, l-irkaptu, l-istokk, il-grupp ta' stokkijiet jew il-flotta partikolari li huma involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi.

(5) L-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni turi li l-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-longitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran allokati lix-xbieki rreġistrati l-Italja, il-Portugall u Spanja ntużaw kollha.

(6) Fis-7 ta' Lulju, l-Italja għarrfet lill-Kummissjoni li, b'seħħ mid-29 ta' Ġunju 2014 fit-15:00, imponiet waqfien fl-attivitajiet tas-sajd tat-tliet xbieki attivi tagħha għas-sajd tat-tonn fl-2014.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1.
([3]) ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.

(7) Fis-16 ta' Lulju, il-Portugall għarraf lill-Kummissjoni li, b'seħħ mill-15 ta' Lulju 2014 f'00:00, impona waqfien fl-attivitajiet tas-sajd tat-tliet xbieki attivi tagħha għas-sajd tat-tonn fl-2014.

(8) Fl-10, fit-18 u fl-20 ta' Ġunju, Spanja għarrfet lill-Kummissjoni li imponiet waqfien fl-attivitajiet tas-sajd tal-erba' xbieki attivi tagħha għas-sajd tat-tonn fl-2014, b'seħħ mill-10 ta' Ġunju għal żewġ xbieki, midt-19 ta' Ġunju għal xibka oħra u mill-20 ta' Ġunju għall-aħħar xibka, u allura mill-20 ta' Ġunju 2014 f'00:00 twaqqfu l-attivitajiet kollha.

(9) Minħajr preġudizzju għall-azzjonijiet tal-Italja, tal-Portugall u ta' Spanja msemmija hawn fuq, hemm bżonn li l-Kummissjoni tikkonferma l-projbizzjoni tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W u fil-Baħar Mediterran bix-xbieki rreġistrati l-Italja b'seħħ mid-29 ta' Ġunju fit-15:00, bix-xbieki rreġistrati l-Portugall b'seħħ mill-15 ta' Lulju f'00:00, u bix-xbieki rreġistrati Spanja b'seħħ mhux aktar tard mill-20 ta' Ġunju 2014 f'00:00.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mid-29 ta' Ġunju 2014 fit-15:00 għandu jiġi pprojbit is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 ° W u fil-Baħar Mediterran bix-xbieki rreġistrati l-Italja.

It-tonn li nqabad b'dawk ix-xbieki wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, trasferit, maħsud jew żbarkat.

Artikolu 2

Mill-15 ta' Lulju 2014 f'00:00 għandu jiġi pprojbit is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W u fil-Baħar Mediterran bix-xbieki rreġistrati l-Portugall.

It-tonn li nqabad b'dawk ix-xbieki wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, trasferit, miġbur jew żbarkat.

Artikolu 3

Mill-20 ta' Ġunju 2014 f'00:00 għandu jiġi pprojbit is-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran bix-xbieki rreġistrati Spanja.

It-tonn li nqabad b'dawk ix-xbieki wara dik id-data ma għandux jinżamm abbord, jitqiegħed fil-gaġeġ għat-tismin jew għat-trobbija, jiġi trażbordat, trasferit, miġbur jew żbarkat.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Awwissu 2014.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Michel BARNIER
Viċi President